MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru. 358/2006

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cassar)
vs
Stephen Mifsud Bonnici, iben Benjamino, imwieled Pieta' fit-22 ta' Settembru, 1984, karta ta' l-identita' numru 468784(M)
U
Benjamin sive Benny Mifsud Bonnici, iben George, imwieled il-Kalkara fil-21 ta' Diċembru, 1949, karta ta' l-identita' numru 1012049(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli f'Ta' Rumi, limiti ta' Marsaskala, nhar il-ġimgħa, 14 ta' April, 2006, f'diversi ħinijiet matul il-ġurnata:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' George Mifsud Bonnici minn Marsaskala f'perikolu ċar,

ikkaġunawlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, meta ħebbew għalih u tawh diversi daqqiet ta' ponn kif ukoll daqqiet oħra b'oġġetti iebsa u ikkaġunawlu feriti f'rasu, liema offiżi huwa gravi (per durata), feriti oħra f'wiċċu, li ġabulu sfregju gravi u permanenti, kif ukoll diversi feriti oħra ta' natura ħafifa f'diversi partijiet oħra ta' ġismu u dan skont ma ċċertifikaw Dr. Simone Zammit M.D. ta' l-Isptar San Luqa, kif ukoll Dr. M. Grech M.D. u Dr. Ian Gauci M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

2. fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat, ġlied jew b'mod ieħor;

lil **Stephen Mifsud Bonnici**, waħdu:

3. fl-istess lok, matul dawn l-aħħar ħmistax il-jum, ikkometta serq ta' batterija tal-karozzi li l-ammont tagħha huwa ta' madwar ħamsa u tletin lira (Lm35) għad-dannu ta' ħuh George Mifsud Bonnici;

4. f'Raħal Ġdid ħdejn iċ-Ċentru tas-Saħħa, fl-istess jum u ċirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat u ġlied jew b'mod ieħor;

5. f'Raħal Ġdid ukoll, fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi hedded lil ħuh George b'kanna tal-ħadid;

6. f'Marsaskala, Ħaż-Żabbar, Raħal Ġdid u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, saq il-vettura tiegħu tal-għamla Mitsubishi Lancer ta' lewn maroon, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAP 345, b'manjiera perikoluża, traskurata u bla kont;

7. fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi saq l-istess vettura b'ġiri aktar milli jmissu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' George Mifsud Bonnici, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-istess Stephen u Benjamino sive Benny Mifsud Bonnici b'obbligazzjoni tagħhom infushom taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata minnha.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex minbarra li tinfliġġi l-piena li jidrilha xierqa fiċ-ċirkustanzi, tapplika l-iskwalifika ta' l-istess Stephen Mifsud Bonnici minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar minnmindu jinsab ħati.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerli tat-13 ta' Ottubru, 2008 fejn l-Avukat Ġenerali ddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fil-konfront ta' **Stephen Mifsud Bonnici**:
a. fl-artikoli 216, 218, 221, 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali; u
fil-konfront ta' **Benjamin** sive **Benny Mifsud Bonnici**:
a. fl-artikoli 216, 218, 221, 338(dd) u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 284, 285 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2011 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-inċident meritu ta' din il-kawża hu wieħed familjari.

Illi l-midrub George Mifsud Bonnici ma offriex ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri kontra missieru u ħuh. L-unika ħaġa li qal fix-xhieda tiegħu kienet li hu jaħfrilhom u ma jixtieqx li dawn l-affarijiet reġgħu jiġru.

Illi anki mill-istqarrijiet taż-żewġ imputati ma jirrizulta xejn ħlief ċaħda totali li huma kkawżaw feriti fuq il-persuna ta' George Mifsud Bonnici. Minflok, hu jgħidu li kienu George Mifsud Bonnici li attakkhom u anki kkawża feriti fuq il-persuna taż-żewġ imputati.

Illi l-uniku addebitu li jirrizultaw pruvat kontra Benny Mifsud Bonnici hu li kisser il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku bl-għajjat u bil-ġlied.

Illi l-imputat Stephen Mifsud Bonnici ġie akkużat ukoll li seraq batterija lil ħuh u li saq il-vettura tiegħu b'manjiera perikoluza u b'aktar ġiri milli jmiss. Ma hemm ebda prova li minnha tista' tislet il-ħtija ta' l-imputat.

Illi l-imputat Stephen Mifsud Bonnici ġie akkużat ukoll li f'Raħal Ġdid ħdejn iċ-Ċentru tas-Saħħa bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies u li hedded lill ħuh b'kanna tal-ħadid, kif ukoll bl-istess akkuża li biha ġie misjub ħati missieru. Dawn it-tlett akkuża ġew kollha pruvati u kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat **Stephen Mifsud Bonnici** ħati tal-ewwel, tat-tielet, tas-sitt u tas-seba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tat-tieni, tar-raba' u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' mitt euro (€100) ammenda. Ma ssibx lill-imputat **Benjamin** sive **Benny Mifsud Bonnici** ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsin euro (€50). Fiċ-ċirkostanzi ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront taż-żewġ imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------